MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 567/2008

**Mira Motors Sales Limited (C 3303) u**
**Mira Holdings Limited (C5361)**

**Vs**

**Richard Attard**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-8 ta’ Novembru 2008, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat jhallas lis-socjetajiet attrici s-somma ta’ tlett elef, mitejn u tlieta u ghoxrin Euro u disa` u disghin centezmu (€3223.99) ghar-ragunijiet imsemmija fl-Avviz imsemmi, bl-ispejjez u bl-imghax legali.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-

kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenut naqas u ma dehrx la fis-seduta tal-10 ta’ Lulju 2009, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjetajiet attrici s-somma ta’ tlett elef, mitejn u tlieta u ghoxrin Euro u disa` u disghin centezmu (€3223.99), bl-imghax legali kif mitlub fl-Avviz u bl-ispejjez ta’ dina l-istanza u dawk mitluba li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------